MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Talba Numru. 160/2013

**Perit Ivan Zammit**
**I.D. 120475 (M)**

**vs**

**Mark Tanti**
**I.D. 207875 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi ppresta s-servizzi tieghu u ghamel spejjez ghal u fl-interess tal-konvenut f'Marsaxlokk ammontanti ghal elf mitejn u hamsa u disghin ewro (€1,295) u dan senjatament bhala perit sabiex saret applikazzjoni fil-MEPA rigwardanti xi stalel tal-konvenut, kif ukoll xoghol relatat ma' l-istess ambjenti fejn hemm dawn l-istalel.

Illi l-konvenut debitament interpellat biex ihallas, baqa' ma hallasx. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-17 ta' Jannar, 2013 u bl-imghax mill-21 ta' Ottubru, 2011 kontra l-konvenut, ngunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf mitejn hamsa u disghin ewro (€1,295.00), bl-imghax mis-17 ta' Jannar, 2013. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------